# Stqarrija

## Jisparaw fuq ċikonja sewda li għandha protezzjoni għolja, ħdejn ir-residenza uffiċjali tas-sajf tal-PM

BirdLife Malta (BLM) ilbieraħ filgħodu ġabret ċikonja sewda bi ġrieħi serji f'saqajha minn ħdejn ġibjun qrib ir-residenza uffiċjali tas-sajf tal-Prim Ministru fil-Girgenti, wara li sfat fil-mira ta' kaċċa illegali minn kaċċaturi fl-inħawi. Kaċċaturi sparaw illegalment fuq dan l-għasfur li kien parti minn qatgħa żgħira li dehret qabel fuq Għawdex. Sfortunatament, ġie rrapportat li nqatlet ċikonja sewda oħra f'Ta' Ċenċ, Għawdex.

Iċ-ċikonja sewda (*Ciconia nigra*), hija viżitatur rari f'Malta. Hija speċi protetta bil-liġi Maltija u li ngħatat l-ogħla protezzjoni taħt l-Anness 1 tad-Direttiva tal-Għasafar tal-UE u l-Anness A tar-Regolamenti Ewropej dwar il-Kummerċ tal-Ħajja Selvaġġa.

"Il-kaċċa illegali fuq dawn l-ispeċi tkompli għaliex hawn domanda għolja għalihom minħabba żewġ amnestiji fuq il-kollezzjonijiet ta' għasafar ibbalzmati li ngħataw fil-passat u li sal-lum baqgħu ma ġewx ivverifikati kollha," qal il-Kap tal-Konservazzjoni ta' BLM, Nick Barbara.

Fl-1997, il-Gvern Laburista ta' dak iż-żmien kien ta l-ewwel amnestija u l-kaċċaturi kienu ddikjaraw li għandhom qrib il-240,000 għasfur ibbalzmat. Fl-2003, il-Gvern Nazzjonalista ta' dak iż-żmien kien ħareġ amnestija oħra u l-kaċċaturi kienu ddikjaraw li għandhom 282,000 għasfur ibbalzmat ieħor. Dan ifisser total ta' aktar minn nofs miljun għasfur ibbalzmat.

Maż-żmien kien beda proċess ta' verifika mill-awtoritajiet Maltin iżda ma tkompliex. Għalhekk qatt ma ġie vverifikat jekk il-kaċċaturi għandhomx tassew l-għasafar ibbalzmati li ddikjaraw li għandhom f'dawn iż-żewġ listi ta' amnestija. Kien hemm kaċċaturi li qalu li għandhom ċerti speċi ta' għasafar fil-kollezzjoni tagħhom li fil-verità ma kellhomx. Għaldaqstant din saret lista ta' għasafar mixtieqa, bil-ħsieb kien li jakkwistaw dawn l-għasafar qabel ma l-lista

tagħhom tiġi vverifika. Dan ta lok biex il-kaċċa illegali għall-għasafar protetti tibqa' għaddejja.

Il-pulizija responsabbli mill-ħarsien tal-ambjent huma bil-bosta inqas mill-10,000 kaċċatur u għandhom sfidi kbar biex joperaw f'Għawdex. Barra minn hekk, entitajiet bħal Wild Birds Regulation Unit (WBRU) u l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għandhom riżorsi limitati ferm biex jivverifikaw u jagħmlu monitoraġġ effettiv fuq il-kollezzjonijiet tal-għasafar ibbalzmati.

"L-appelli tagħna lill-Prim Ministru, Dr Robert Abela, biex jieħu bis-serjetà l-qtil illegali tal-għasafar qatt ma ngħataw l-importanza mistħoqqha. Din hija għażla ċara ta' Dr Abela u l-kabinett tiegħu. Il-kabinett huwa insensittiv għal dawn l-inċidenti u ma jimpurtahx mill-bqija taċ-ċittadini Maltin li qed jiġu mċaħħda milli jgawdu s-sbuħija tan-natura għaliex il-kaċċaturi jhedduhom bil-vot. Is-silenzju tal-gvern fuq il-qtil illegali kontinwu tal-għasafar huwa tal-mistħija. Din is-sitwazzjoni tirrifletti ħażin fuq il-kwalità tal-ħajja f'pajjiżna," iddikjara l-Kap Eżekuttiv ta' BLM, Mark Sultana.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Cell: 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org


Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**

1. Shot Black Stork Girgenti 2024.10.29_BirdLife Malta
2. Confiscated illegally stuffed birds from our archives 2011.11.29
3. 2024.10.02_BlackStorkBuskett13_AronTanti from archives (1)
4. 2024.10.02_BlackStorkBuskett13_AronTanti from archives (2)

**Filmati:**

1. Test
2. Test